

## II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI  
EWROPEA

KUMMISSJONI

**Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kriterji ta' valutazzjoni tal-ghajjnuna mill-Istat tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ċerti aspetti legali relatati ma' xogħlijiet ċinematografiċi u xogħlijiet awdjoviżivi oħra (il-komunikazzjoni dwar iċ-ċinema) tas-26 ta' Settembru 2001**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 31/01)

Kif imħabbar fil-komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni tal-2004 <sup>(1)</sup> u l-2007 <sup>(2)</sup> li estendew il-validita' tal-kriterji ta' valutazzjoni tal-ghajjnuna mill-Istat tal-Komunikazzjoni dwar iċ-ċinema tal-2001 <sup>(3)</sup>, il-Kummissjoni wettqet studju estensiv dwar l-impatt ekonomiku u kulturali tal-obbligi ta' inġiq territorjali imposti bl-iskemi ta' appoġġ għall-films. L-istudju kien inniedi fl-24 ta' Awwissu 2006 <sup>(4)</sup> u sar workshop għall-partijiet interessati fis-6 ta' Lulju 2007 fi Brussell. Ir-riżultati tal-istudju kienu ppublikati fit-22 ta' Mejju 2008 <sup>(5)</sup>.

Ir-rapport finali tal-istudju ma wasal għal ebda konklużjoni dwar l-impatt ekonomiku u kulturali tal-obbligi ta' inġiq territorjali imposti bl-iskemi ta' appoġġ għall-films. Għalhekk, ir-riżultati juru l-bżonn ta' riflessjoni ulterjuri qabel ma jkun propost tibdil tal-kriterju ta' valutazzjoni tal-ghajjnuna mill-Istat preżenti fil-Komunikazzjoni dwar iċ-ċinema ta' l-2001 dwar l-obbligu ta' inġiq territorjali, kompatibbli mal-prinċipji fundamentali tat-Trattat.

Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-kriterji ta' valutazzjoni tal-ghajjnuna mill-Istat attwali jistgħu għalissa jibqgħu jippromwovu l-ħolqien kulturali u ser jiżguraw li l-ghajjnuna mogħtija lill-produzzjoni ta' films u dik awdjoviżiva ma taffettwax il-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni u kummerċ sa fejn ikun ta' ħsara għall-interess komuni. Madanakollu, numru ta' xejriet differenti tfaċċaw minn żmien il-Komunikazzjoni dwar iċ-ċinema tal-2001 li se jkollhom bżonn l-irfinar ta' dawn il-kriterji fi żmien debitu.

Dawn ix-xejriet jinkludu appoġġ għal aspetti oħra minbarra l-produzzjoni tal-films jew għat-TV (bħal ma huma d-distribuzzjoni tal-films u l-projezzjoni diġitali), iktar skemi reġjonali ta' appoġġ għall-films, kif ukoll kompetizzjoni bejn xi Stati Membru biex jużaw l-ghajjnuna mill-Istat biex jiġbdu lejhom investment minn kumpanniji ta' produzzjoni tal-films fuq skala kbira, prinċipalment mill-Istati Uniti. Dawn huma kwistjonijiet kumplessi li se jkollhom bżonn riflessjoni mill-Istati Membri u l-korpi nazzjonali u reġjonali ta' appoġġ għall-films sabiex ikunu żviluppanti kriterji xierqa.

B'konsegwenza, il-Kummissjoni ddeċidiet li tkompli tapplika l-kriterji attwali sakemm jidħlu fis-seħħ regoli ġodda dwar l-ghajjnuna mill-Istat għal xogħolijiet ċinematografiċi u xogħolijiet oħra awdjoviżivi, jew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012.

<sup>(1)</sup> ĠU C 123, 30.4.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 134, 16.6.2007, p. 5.

<sup>(3)</sup> ĠU C 43, 16.2.2002, p. 6.

<sup>(4)</sup> ĠU S 173, 12.9.2006, referenża 2006/S 173-183834.

<sup>(5)</sup> [http://ec.europa.eu/avpolicy/info\\_centre/library/studies/index\\_en.htm#finalised](http://ec.europa.eu/avpolicy/info_centre/library/studies/index_en.htm#finalised)